# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis it-18 ta' Jannar, 2024**

**Numru 6**

**Rikors numru 543/2015/1JVC**

**Ignatius Debono (ID 300540M) u**
**Carmen (ID 848544M) konjuġi Debono**

**v.**

**Paula Debono, Pierre Debono u Omar Debono**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Marzu, 2023, li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, laqgħet it-talbiet kollha tal-atturi u kkundannat lill-konvenuti sabiex fi żmien xahar mid-data li d-deċiżjoni tgħaddi b'ġudikat, jirrientegraw lill-atturi fil-pussess li kellhom, billi jreġġgħu kollox għal li kien qabel u ħatret lill-Perit Godwin Abela għal

dan il-għan, filwaqt li awtorizzat lill-atturi biex iwettqu x-xogħlijiet huma f'każ li l-konvenuti jibqgħu inadempjenti, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-4 ta' Ġunju, 2015, l-atturi fissru illi huma għandhom raba' f'Wied Qirda, fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ (Malta), li tmiss u hija kontigwa għar-raba' tal-konvenuti minn diversi rjieħat fosthom min-naħa tat-Tramunatana u min-naħa tal-Lvant.

3. Jgħidu li permezz ta' ċitazzjoni numru 2542/1998 ippreżentata fit-28 ta' April, 2006 kienu ressqu l-azzjoni magħrufa bħala *actio finium regundorum,* ċjoè l-azzjoni sabiex jiġu stabbiliti l-konfini tar-raba' rispettivi tal-partijiet min-naħa tat-Tramuntana, liema talba ġiet miċħuda. Wara din is-sentenza, il-partijiet baqgħu jużaw ir-raba' rispettivi tagħhom. Jgħidu li min-naħa tal-Lvant kien hemm ħajt baxx magħmul mill-konvenuti stess li jifred ir-raba' tal-partijiet.

4. Jissoktaw jgħidu li snin ilu, l-attur poġġa *pallets* (fuq in-naħa tiegħu) biswit dan il-ħajt biex b'hekk għamel linja diviżorja, li ma kinitx miksura, biex jifred ir-raba' tal-partijiet. Jgħidu wkoll li ħawlu bosta xtieli tal-bajtar tax-xewk fin-naħa tiegħu u quddiem dawn il-*pallets*. L-attur jgħid li għamel

dawn il-*pallets* u l-bajtar għaliex ra li bil-mod, il-ħajt diviżorju li kien jifred ir-raba' tal-partijiet kien qiegħed josfor (tant li fl-aħħar snin kien għoli ta' filata waħda biss).

5. Matul is-snin, ix-xtieli tal-bajtar kibru u bdew jagħtu l-frott. Il-konvenuti m'għamlu xejn. L-attur jgħid ukoll li fin-naħa tar-raba' tiegħu kellu d-dwieli, ħawwel żewġ siġar taż-żebbuġ u żewġ siġar tar-rummien maturi fil-parti t'isfel, filwaqt li fil-parti ta' fuq kien hemm erba' siġar taż-żebbuġ, trakk u tliet tankijiet. Jisħaq li huwa kellu l-pussess sħiħ ta' din ir-raba'.

6. Minkejja dan kollu, l-atturi jgħidu li bejn is-7 ta' April, 2015 u l-14 ta' April, 2015 il-konvenuti jew nies imqabbda minnhom, immarkaw biż-żebgħa ħamra fuq il-ħbula fejn dehrilhom li hija l-proprjetà tal-atturi u qabdu u neħħew il-ħajt komuni, il-*pallets* u ċaqalquhom fuq in-naħa tal-atturi sa dik il-linja. B'żieda ma' dan, matul l-aħħar ġimgħat qabel ma ġiet ippreżentata l-kawża, jallegaw li l-konvenuti qaċċtu x-xtieli tal-bajtar, id-dwieli u ħassru l-uċuh tar-raba', li kien hemm f'dik il-parti tar-raba'; neħħew iż-żewġ siġar taż-żebbuġa li kien hemm (liema siġar l-attur ħa u reġa' ħawwilhom fl-art tiegħu biex isalvahom); ħamlu u reġgħu għattew l-art bil-ħamrija; mexxew it-trakk u t-tankijiet li kienu fil-post; ħadu l-pajpijiet ħoxnin li kienu qegħdin iżommu l-istruttura tal-*pallets* u minflok qegħdin iżommu dawn il-*pallets* fil-post il-ġdid tagħhom b'pajpijiet differenti li huma

inqas ħoxnin u fi kwantità inqas milli kien hemm oriġinarjament.

7. L-atturi għalhekk jgħidu li b'dan il-mod huma ġew imċaħda mill-użu tar-raba' tagħhom u dan l-aġir jikkostitwixxi spoll klandestin u vjolenti fil-konfront tagħhom. Għalkemm sejħu lill-konvenuti sabiex jirreintegraw l-ispoll huma baqgħu inadempjenti, u b'hekk l-atturi fetħu din il-kawża kontra l-konvenuti, u talbu lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara li l-fatti suesposti jammontaw għal spoll kommess mill-intimat għad-dannu tar-rikorrenti;*
>
> *2. Tikkundanna l-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn dina l-Onorrabbli Qorti jirrintegra lir-rikorrenti fil-pussess pjen u sħiħ oriġinali tal-proprjetà tagħhom billi jreġġgħu kollox għal li kien qabel dan l-ispoll, inkluż iżda mhux limitat li l-ħajt diviżorju u l-pallets jerġgħu jitpoġġew fil-post u fl-istat oriġinali tagħhom u dana taħt is-superviżjoni ta' perit maħtur minn dina l-Onorabbli Qorti jekk ikun il-każ;*
>
> *3. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex fl-inadempjenza tal-intimat jagħmlu a spejjeż tal-intimati, ix-xogħlijiet kollha neċessarji għar-reintegrazzjoni huma taħt is-superviżjoni ta' perit maħtur minn dina l-Onorabbli Qorti.*
>
> *Bl-ispejjeż, u l-inġunzjoni in subizzjoni tal-intimati.»*

8. Bi tweġiba mressqa fl-14 ta' Lulju, 2015, il-konvenuti kollha wieġbu għal din il-kawża billi qajmu dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1.Illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi l-esponenti ma kkommettew ebda spoll fil-konfront tar-rikorrenti u li fi kwalunkwe każ ma jissussistux ir-rekwiżiti ta' l-azzjoni ta' l-ispoll.*
>
> *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

9. B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Marzu, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, iddeċidiet il-kawża hekk:

> *«1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati;*

*2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-fatti kif esposti fir-rikors ġuramentat jammontaw għal spoll kommess mill-intimati għad-dannu tar-rikorrenti;*

*3. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimati sabiex fi żmien xahar mid-data li din id-deċiżjoni ssir res judicata jirreintegra lir-rikorrenti fil-pussess pjen u sħiħ oriġinali tal-proprjetà tagħhom billi jreġġgħu kollox għal li kien qabel dan l-ispoll, inkluż iżda mhux limitat li l-ħajt diviżorju u l-pallets jerġgħu jitpoġġew fil-post u fl-istat oriġinali tagħhom u dana taħt is-superviżjoni tal-Perit Godwin Abela li qed jerġa' jiġi nominat minn din il-Qorti għas-spejjeż tal-intimati sabiex jissuperviżjona li l-istatus quo ante jiġi ripristinat in linea mar-rapport u l-konklużjonijiet tiegħu u d-deskrizzjoni tas-sitwazzjoni preċedenti mogħtija mir-rikorrent fix-xhieda kollha tiegħu.*

*4. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex fl-inadempjenza tal-intimati, ir-rikorrenti stess jagħmlu għas-spejjeż tal-intimati x-xogħlijiet kollha neċessarji għar-reintegrazzjoni taħt is-superviżjoni tal-Perit Godwin Abela ġa nominat għal dan il-għan fil-paragrafu preċedenti.*

***<u>Finalment il-Qorti tiddeplora l-aġir tal-intimat Pierre Debono li sfaċċatament bil-ġurament, diversi drabi fl-atti odjerni, ma xehedx il-verità.</u>***

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati.»*

10. Fost ir-raġunijiet ewlenin li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni kien hemm dawn li ġejjin:

*«Illi mill-bosta xhieda mressqa mir-rikorrenti, mill-konklużjonijiet tal-Perit ex parte Valerio Schembri bl-għajnuna tas-surveyor Alan Micallef, kif ukoll mill-konklużjonijiet tal-Perit nominat minn din il-Qorti, il-Perit Godwin Abela, huwa evidenti għal din il-Qorti, li l-uniku xhud tal-intimati u ċjoè l-istess intimat Pierre Debono, fix-xhieda tiegħu fl-atti odjerni sfaċċatament gideb fuq dak li effettivament seħħ f'April, 2015.*

*Għal kuntarju ta' dak li xehed l-intimat, din il-Qorti in vista tal-provi u l-konklużjonijiet fl-atti, m'għandha l-ebda dubju li kien l-intimat Pierre Debono (probabbilment bl-għajnuna u bil-konoxxenza tal-intimati l-oħra li l-Qorti tinnota li lanqas biss tressqu jixhdu sabiex jiċħdu l-allegazzjonijiet fil-konfront tagħhom jew almenu jikkonfermaw il-versjoni ta' Pierre Debono) li f'April, 2015 ressaq l-oġġetti kollha msemmija mir-rikorrenti lil hinn fil-proprjetà fil-pussess tar-rikorrent sabiex naqqas l-art fil-pussess tar-rikorrent u żied l-art spoljata mal-art fil-pussess tiegħu.*

*Il-Qorti tqis li ġie ampjament ippruvat fl-atti, partikolarment mix-xhieda mressqa mir-rikorrent u l-konklużjonijiet tal-Perit ex officio, li r-rikorrent*

*kien igawdi l-pussess tal-art kollha kif tidher immarkata bl-isfar fir-ritratt anness mal-paragrafu 8.01 fir-rapport tal-Perit Tekniku (fol. 196) u li mill-jum tas-7 ta' April, 2015 'il quddiem l-intimati wettqu diversi atti li permezz tagħhom spoljaw din l-art favur tagħhom, partikolarment favur l-intimat Pierre Debono kif jidher fir-ritratt 8.02 fl-istess fol. 196. Riżultat tal-aġir tal-intimati, ir-rikorrenti sfaw spussessati u mċaħda b'mod vjolenti u klandestin minn art ta' kejl superfiċjali ta' ċirka 147 metri kwadri. Jirriżulta għalhekk lill-Qorti li kemm l-element tal-pussess favur ir-rikorrenti kif ukoll tal-ispoliatum fuisse jinsabu sodisfatti.*

*Illi għal dak li hu l-element tal-infra-bimestre l-Qorti hija sodisfatta li tressqu biżżejjed provi li jevidenzjaw li l-atti spoljattivi bdew iseħħu mid-data tas-7 ta' April, 2015 'il quddiem. Il-każ odjern ġie intavolat nhar l-4 ta' Ġunju, 2015 u għalhekk entro t-terminu ta' xahrejn dekadenza impost mil-liġi b'dana li dan l-element huwa wkoll sodisfatt.*

*In vista tas-suespost l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati u tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.»*

11. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b'rikors tat-2 ta' Mejju, 2023, bl-aggravji jkunu: (i) li l-konvenuti Pauline Debono u Omar Debono m'għandhomx proprjetà li tikkonfina ma' dik tal-atturi u huma qatt m'għamlu att fiżiku li bih spoljaw lill-atturi; (ii) li l-apprezzament tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti ma kienx wieħed tajjeb; (iii) in-nuqqas ta' valur probatorju tad-dokumenti esibiti mill-atturi fit-22 ta' Novembru, 2022; u (iv) kritika indirizzata lir-rapport tal-perit tekniku.

12. L-atturi wieġbu għal dan l-appell fit-8 ta' Ġunju, 2023, fejn hemmhekk huma ressqu għadd ta' raġunijiet għalfejn dan l-appell għandu jiġi miċħud. L-atturi jirreferu wkoll għall-pjanta mehmuża mar-rikors tal-appell li jgħidu li ma kinitx esibita fl-atti proċesswali u li kienu se jippreżentaw rikors dwar dan.

13. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, din il-Qorti tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Illi din hija azzjoni ta' spoll.

15. Illi fl-**<u>ewwel aggravju</u>** tagħhom, il-konvenuti jgħidu li Pauline Debono u Omar Debono m'għandhomx proprjetà li tmiss ma' dik tal-atturi. Huwa biss Pierre Debono li għandu art li tmiss mal-art tal-atturi. Jgħidu li dan jirriżulta b'mod ċar mix-xhieda ta' Pauline Debono u mill-pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet (paġna 202 tal-proċess). Pauline u Omar Debono jiċħdu li b'xi mod daħlu fuq l-art tal-atturi tant li m'hemm ebda prova f'dan is-sens. Għalhekk isostnu li huma ma wettqu ebda att fiżiku li bih spoljaw jew setgħu jispoljaw lill-atturi.

16. Illi l-**bqija tal-aggravji** jidhru li tressqu minn Pierre Debono u huma dawn li ġejjin:

(i) Huwa minn dejjem okkupa l-art li l-appellanti qegħdin jallegaw li huwa ħadilhom. Ifisser li fil-kontroeżami li sar fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 2016, l-attur qal li l-konvenuti kienu ilhom mis-

sena 1998 jokkupaw l-istess art u dan qalu għaliex huwa ġentlom. Biss però wara biddel il-verżjoni tiegħu. Jgħid li l-attur appellat żgwida lill-istess qorti meta xehed illi l-*pallets,* li hemm illum bejn l-għelieqi ma kinux dejjem hemm, u ta x'jifhem illi fejn dawn kienu oriġinarjament kienu fuq il-linja diviżorja. Jinsisti li l-*pallets* kienu biex iservu biex idawru *area* speċifika fl-art tiegħu fejn kien iżomm iż-żwiemel u l-linja diviżorja kienet fejn illum hemm il-*pallets*. Il-*pallets* tneħħew minnu minn fejn kienu minħabba li huwa ma kellux aktar bżonnhom għaż-żwiemel. Jagħlaq billi jgħid li l-attur xehed waqt il-kontroeżami, li kien hu stess, li wara li ressaq il-*pallets* għal fuq il-linja diviżorja li huwa deherlu li kellha tkun, wara li mar għand il-Pulizija, reġa' ressaq il-*pallets* għalfejn jinsabu llum. B'hekk jiġi li ħadd ma seta' jwettaq spoll għaliex il-*pallets* fejn l-attur appellat qiegħed jilmenta li qegħdin, għamilhom hemm huwa stess;

(ii) L-appellant jsostni li d-dokumenti esibiti mill-atturi fit-22 ta' Novembru, 2022 m'għandhomx valur probatorju u dan billi la ġew ikkonfermati bil-ġurament u lanqas ma saret referenza għalihom f'xi xhieda u talbu li jiġu skartati;

(iii) Pierre Debono jgħid li huwa dejjem stqarr il-verità kontra x-xhieda mressqa mill-atturi, li kellhom verżjoni dettata min-nies qraba tagħhom jew ħbieb. Iżid li *images* satellitari mhumiex mod preċiż ta' kif tistabbilixxi qisien u linji u ma jieħdux kont tad-

dellijiet u l-ħinijiet ta' meta dawn ir-ritratti jkunu ttieħdu u lanqas ma jfissru għaliex ikun hemm differenza fil-kulur ta' biċċa art. B'hekk mhumiex ta' siwi biex tipprova fejn hija l-linja diviżorja bejn żewġ proprjetajiet;

(iv) L-appellant jirreferi għar-ritratti li l-Perit Tekniku jsemmi fir-rapport tiegħu u jgħid li l-*pallets* huma 'l ġewwa fil-proprjetà tiegħu, u jirrepeti li dawk kienu maħsuba biex iżommu żwiemel tiegħu f'biċċa li ma kellha x'taqsam xejn ma' fejn huma l-linji diviżorji bejn il-proprjetajiet. B'hekk jgħid li kull konklużjoni mill-Perit Tekniku fuq din l-assunzjoni hija ħażina. Anke d-distanza mix-xatba sal-*pallets* hija aktar mit-3.5 m.k indikati mill-perit fil-paragrafu 8.03 tar-relazzjoni. Jikkritika li l-perit tekniku bbaża l-konklużjoni tiegħu fuq ritratti u mhux fuq dak li huwa stess seta' josserva fuq il-post biex ikun aktar preċiż. Lanqas ma kejjel is-sit sabiex ikun jista' jivverifika jekk il-linja diviżorja bejn iż-żewġ siti hix dik fejn illum hemm il-*pallets*. Isemmi wkoll *survey* tal-għalqa, li sar fis-sena 2007, minn fejn skontu jidher ċar illi l-għalqa għandha kejl ta' 1124 m.k. Jiġifieri hemm differenza ta' 147 m.k. Jgħid ukoll li r-ritratt mill-ajru ppreżentat mill-Perit Valerio Schembri u li għalih saret referenza mill-Perit Tekniku jagħti proprjetà lill-appellati li m'għandha x'taqsam xejn mal-art inkwistjoni. Isostni li għalkemm l-appellat jgħid li s-sinjal l-aħmar (u l-musmar fejn din l-istess linja tinstab) mhumiex tajbin, huwa

ma jurix fejn din kellha tkun jekk mhux bi skizz. Jisħaq li l-linja ħamra hija fuq il-linja diviżorja bejn iż-żewġ proprjetajiet meta tieħu in konsiderazzjoni mhux biss l-istess linja iżda l-kejl kollu u l-punti fermi li hemm fuq is-sit.

17. Kif jidher minn qari tar-rikors tal-appell, aktar minn kollox, l-aggravji huma dwar l-apprezzament tal-provi li wettqet l-Ewwel Qorti, u għalhekk ħlief għall-ewwel aggravju, l-ilmenti tal-appellanti se jitqiesu flimkien.

18. L-appellanti jfissru l-ilmenti tagħhom billi jisħqu li Pauline Debono u Omar Debono m'għandhomx proprjetà li tmiss mal-għalqa tal-attur, hekk kif jirriżulta minn pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet, u li huma ma wettqu ebda att spoljattiv. Ladarba din hija kawża ta' spoll, hu magħruf li l-unika stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti hija dik li tara li kien hemm pussess min-naħa tal-ispoljat, li jista' jammonta anke għal mera detenzjoni, u li jkun hemm tfixkil ta' dan il-pussess min-naħa tal-ispoljant u fl-aħħar nett li l-azzjoni tittieħed kontrih fi żmien xahrejn mill-akkadut (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell deċiża fil-31 ta' Mejju, 2004 fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppi Spiteri v. Anthony Theuma***). Kull kwistjoni petitorja hija irrilevanti fi proċeduri bħal dawk tal-lum.

19. Ma jistax ukoll ma jiġix innutat li dan il-punt ma ssemmiex fl-eċċezzjonijiet tagħhom, iżda huwa punt ġdid li tqajjem fl-istadju tal-appell.

Hekk kif ġie mtenni minn din il-Qorti fis-sentenza deċiża fil-31 ta' Mejju, 2023 fil-kawża fl-ismijiet, ***Brittania Shipping International Limited (C 36039) v. Triva Shipping Company Limited (C 39275)***: *«meta ħaġa titqajjem l-ewwel darba fi stadju ta' appell (argument jew sottomissjoni "noviter deductus"), din il-Qorti tagħmel sewwa ma tqishiex għaliex, fl-ewwel lok, ma tkunx tqieset mill-Ewwel Qorti u għalhekk ma tkunx tagħmel parti mis-sentenza appellata, u appell isir biss minn dak li sentenza tkun iddeċidiet; u fit-tieni lok, ma jkunx sewwa li l-kwistjoni ma tkunx tqieset fiż-żewġ istanzi għall-benefiċċju tal-partijiet fil-kawża[1].»*

20. Il-kwistjoni jekk Pauline u Omar Debono wettqux l-att spoljattiv se tiġi mistħarrġa fil-mertu.

21. Illi fit-tweġiba tal-appell tagħhom, l-appellati rrilevaw li l-pjanta mehmuża mill-appellanti mar-rikors tal-appell (Dok AB) kellha titwarrab billi ma kinitx preżentata quddiem l-Ewwel Qorti. Wara li ġie ppreżentat rikors mill-appellati, din il-Qorti tat digriet fil-15 ta' Settembru, 2023, fejn ċaħdet it-talba għall-isfilz, b'dan li l-pjanta m'għandhiex titqies bħala prova ġdida lil hemm minn dik li diġà hemm fl-atti.

22. Induru issa għall-**<u>bqija tal-aggravji</u>**. Din il-Qorti fliet il-provi u d-

---

[1] Ara, fost l-oħrajn, App. Ċiv. 22.6.2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Triva Shipping Co Ltd v. Direttur Ġenerali (Dwana) et*** § 16
u App. Ċiv. 25.1.2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Marco Parolini et v. Farrugia Investments Ltd et*** §15.

dokumenti fl-atti. Din il-Qorti waslet għall-istess konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti u dan għar-raġunijiet mfissra f'din is-sentenza.

23. Illi l-appellant Pierre Debono jinsisti li l-art li l-atturi jallegaw li ħadilhom kienet dejjem okkupata minnu. Kemm hu hekk jgħid li l-attur waqt il-kontroeżami tiegħu stqarr li l-konvenuti kienu ilhom jokkupaw l-istess art, għalkemm wara pprova jbiddel il-verżjoni.

24. Ifisser dan li l-appellant Pierre Debono qiegħed jgħid li l-appellanti ma kellhomx pussess ta' dik l-art mertu ta' dawn il-proċeduri.

25. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li f'azzjoni ta' din ix-xorta, il-pussess jista' jkun ta' liema xorta jkun (ara ***Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited v. Alexandra Balzan Ruggier et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Diċembru, 2010) u li f'kawżi bħal dawn il-Qorti m'għandhiex tistħarreġ jekk l-attur għandux jedd għall-pussess li jkun qiegħed jitlob li jikseb lura (ara ***Michelangelo Attard v. Joseph Bajada et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2021).

26. Ingħad ukoll kemm-il darba li anke jekk l-attur ikun kiseb il-pussess mingħajr jedd fil-liġi u saħansitra b'arbitrarjetà jew abbuż, l-attur xorta waħda jkollu l-jedd li jdur għal din ix-xorta ta' azzjoni biex iħares il-pussess tiegħu u jitlob li jiġi mqiegħed lura fil-pussess jew detenzjoni (ara ***Peter***

***Paul Grima v. Savier sive Saviour Portelli*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fils-26 ta' Ġunju, 2015; ***Nazzareno Spiteri et v. Karl Busuttil et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2015 ***Joseph Portelli v. Peter Paul Portelli*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell, fit-2 ta' Lulju, 2010 u ***Alfred Galea et v. Albert Ellul et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' April, 2007).

27. Kif ingħad għal għadd ta' drabi, dak li jħoll u jorbot kollox għall-għanijiet tal-prova dwar l-element tal-pussess huwa jekk bħala fatt materjali, il-pussess ikunx fil-persuna tal-vittma tal-ispoll (ara ***Raymond Grech v. Maria Concetta Grech et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Diċembru, 2023).

28. Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ, kuntrarjament għal dak li jgħid Pierre Debono hemm provi biżżejjed, sal-grad meħtieġ mil-liġi, li juru li l-art mertu tal-proċeduri tal-lum kienet fil-pussess tal-appellanti sakemm twettqu l-atti spoljattivi.

29. Jibda biex jingħad, li meta l-appellant jgħid li l-attur innifsu xehed li l-konvenuti kienu ilhom mis-sena 1998 jokkupaw l-istess art, jirriżulta mit-traskrizzjoni tax-xhieda (f'paġni 92 u 93 tal-proċess), li l-attur ma fehemx il-mistoqsija li kienet qiegħda ssirlu u fi bnadi oħra fil-proċess, bħal pereżempju fl-affidavit tiegħu, joħroġ mod ieħor. L-appellant għoġbu jislet

biss dak li qabillu.

30. L-appellat xehed li meta huwa mar fl-għalqa tiegħu nhar l-14 ta' April, 2015 sab illi l-*fence* tal-*pallets* li kien għamel sabiex iservi ta' ħajt diviżorju bejn l-għalqa tiegħu u dik ta' Pauline Debono u wliedha kien ġie mċaqlaq abbużivament billi daħal b'madwar tmien metri 'l ġewwa u b'hekk l-għalqa tiegħu ċkienet b'madwar tmien metri l-wisa' tagħha kollu. Sab ukoll illi l-pal tal-bajtar u żewġ siġar tar-rummien u l-ħames xtieli tat-tin li kienu quddiem il-pal tal-bajtar kienu mkissrin u mxerdin mal-art. Iż-żewġ siġar taż-żebbuġ li kienu f'ringiela mas-siġar tar-rummien quddiem il-pal tal-bajtar, kienu għadhom f'posthom. Minħabba li l-linja tal-*pallets* ġiet imċaqalqa, is-siġar taż-żebbuġ ġew fil-proprjetà biswitu u mhux aktar f'tiegħu. Fisser ukoll li fuq il-ħajt li jifred iż-żewġ ħbula, huwa kien poġġa tliet tankijiet tal-*fibre glass* mimlijin bl-ilma, sabhom imbattla u tqegħdu fil-ħabel tiegħu fuq quddiem il-linja tal-*pallets*. Qal ukoll li fil-ħabel ta' maġenb il-ħajt li jifred iż-żewġ ħbula tiegħu kellu erba' siġriet żgħar taż-żebbuġ li spiċċaw wara l-*pallets* u dawn ġew bħallikieku ġew fil-proprjetà tal-konvenuti. L-appellat isemmi wkoll li kellu trakk ipparkjat tal-għamla Volvo, li kien jieħu d-dell minn siġra tal-ħarrub li tikber f'għalqa ta' terzi. Qabel ma ċċaqalqet il-*fence*, il-ħarruba kienet ferm 'il bogħod minnu.

31. L-appellat jissokta jgħid li huwa mar jirrapporta lill-Pulizija. Fuq parir tal-avukat, dakinhar li nduna b'li kien seħħ, reġa' mar l-għalqa ma' ħuh

iżda wara kwarta li kienu bdew u laħqu qalgħu żewġ *pallets,* marru Pierre u Omar Debono li qalulhom li dak li kienu se jaqilgħu kienu se jpoġġuh lura. Kwarta wara rċieva telefonata mingħand il-Pulizija u reġa' mar l-Għassa. Ikompli jfisser kif il-konvenuti baqgħu għaddejjin b'azzjonijiet oħra ta' spoll.

32. Ix-xhud Joseph Debono xehed li t-trakk tal-għamla Volvo tpoġġa għad-dell ta' siġra kbira tal-ħarrub fis-sena 2005. Jgħid li l-ġirien bnew ħajt baxx jibqa' nieżel mit-tieni ħabel għal mal-ħabel t'isfel ta' mat-triq fis-sena 2007. Fl-istess sena ħuh Ignatius u hu, poġġew ringiela *pallets* weqfin li ma kienet interrotta minn mkien, tmiss ma' dan il-ħajt kollu sa mal-ħajt tat-triq, fuq il-ħajt li jifred iż-żewġ ħbula li jifred il-ħabel ta' isfel minn ta' fuq, rabtu *pallet* wieqfa ta' daqs konvenzjonali. Fil-ħabel t'isfel il-*pallets* kienu f'għamla tawwalija u minnhom infushom *treated* sabiex jirreżistu l-elementi. Waqqfuhom fuq il-ġenb tagħhom, sammru ħafna pajpijiet ħoxnin tal-ħadid fihom u għal ġol-ħamrija u għamlu wkoll mat-tul ta' din ir-ringiela pajpijiet fil-ħitan tal-ġnub u rabtu kollox bil-wajer oħxon iggalvanizzat. Fil-ħabel ta' fuq għamlu kollox l-istess però billi l-*pallets* li kien fadlilhom kienu iżgħar, għamlu ringiela fuq il-ħamrija u ringiela oħra fuqhom bil-pajpijiet fil-ħamrija u fil-ġnub tal-ħabel. Barra minn hekk, fisser ukoll li f'nofs Mejju tas-sena 2014 ċertu Andrew Abela kien qiegħed iħammel lil Ignatius Debono fid-dar u ġarr bosta vjaġġi ta' ħamrija għall-għalqa f'Wied Qirda, Ħaż-Żebbuġ, Malta. Dakinhar tniżżlu żewġ siġar taż-

żebbuġ u żewġ siġar maturi tar-rummien li tħawlu qrib il-pal tal-bajtar minn ġenb għall-ieħor tal-ħabel.

33. Rosario Cortis, ħaten l-appellat Ignatius Debono, fost oħrajn, fisser kif fejn qabel il-*fence* inkwistjoni kien madwar metru bogħod mix-xatba tal-għalqa tal-konvenuti, wara l-allegat spoll il-*fence* tinsab madwar disa' metri 'l bogħod. Fil-kontroeżami tiegħu huwa kkorrobora l-verżjoni tal-appellati li l-*pallets* saru snin qabel, mal-ħajt baxx li kienu tellgħu n-nies tan-naħa l-oħra. Jiċħad li kien hemm musmar fuq il-post jew marki taż-żebgħa. Ikkonferma wkoll li għalkemm l-attur kien ipprova jerġa' jpoġġi l-*pallets* f'posthom, wara li ċemplulu l-pulizija, il-ftit li kien qala' reġa' għamilhom fejn sabhom filgħodu kif diġà mċaqalqin. Din ix-xhieda ta' Rosario Cortis tikkontrasta s-sottomissjoni tal-appellanti li ma twettaq ebda spoll għaliex l-attur reġġa' kollox kif kien. L-appellat ma kellux għażla oħra wara li kellmuh il-pulizija.

34. Ix-xhud John Xuereb fisser li f'Settembru tas-sena 2014, l-appellat Debono kien avżah li kellu jmur armat bis-sikka. Huwa jgħid fl-affidavit tiegħu li mar bosta drabi jagħmel xogħol ta' ħart fl-għalqa tal-appellat bit-*tractor* tiegħu armat bir-romblu jew bis-sikka. Fost affarijiet oħra xehed: *«...din ir-ringiela pallets weqfin u pal tal-bajtar minn ħabel għall-ieħor dejjem niftakarha l-istess kemm ilu jqabbadni nagħmel dan ix-xogħol Ignatius Debono. Għandi x'inżid illi nhar is-Sibt illi għadda u ċjoè l-20 ta'*

*Ġunju 2015, meta mort naħrat u erġajt ħratt bis-sikka, innutajt illi dawn iż-żewġ fillieri tal-pallets ma baqgħux fil-post oriġinali tagħhom imma ġew imressqin lejn il-Punent filwaqt illi l-pal tal-bajtar tneħħew għal kollox u trakk 'Volvo' ma għadux fl-istess post imma ġie imressaq lejn il-Punent ukoll.»* Ix-xhieda ta' Domenic Cutajar (li wettaq xi xogħol ta' skavar u ġarr ta' ħamrija mill-proprjetà ta' Ignatius Debono f'Settembru 2014 għall-għalqa tal-appellat) tikkorrobora x-xhieda ta' Xuereb għal fejn kienu l-*pallets*, pal tal-bajtar u siġar.

35. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-verżjoni ta' Pierre Debono hija li l-għalqa oriġinarjament kienet ta' ommu, u dik il-parti li tmiss mal-għalqa tal-atturi ilha fil-pussess tiegħu. Jgħid li dejjem okkupa l-għalqa bid-delimitazzjoni kif inhi u mhux bil-kontra u għalhekk għamel rapport l-għassa. Jgħid ukoll li ftit qabel dan l-inċident kien innota li bdew jinqalgħu xi pajpijiet u kien għalhekk li għamel marka bl-*ispray* aħmar. Fil-kontroeżami qal li r-ritratt Dok PD 12 ittieħed fis-sena 2012 u li dak iż-żmien diġà kien hemm il-qasma bil-*pallets*. Jgħid li huwa ma messx il-ħajt tal-*pallets* iżda bena ħajt warajh. Dwar il-linja l-ħamra jgħid li din saret fis-sena 2015 skont is-*survey* fejn kienu tpoġġew żewġ imsiemer qabel. Dwar it-trakk Volvo qal li sa fejn jaf hu, it-trakk ġie mċaqlaq u li dejjem kien fil-proprjetà tal-appellanti. Meta konfrontati b'ritratt li jinsab f'paġna 162 tal-proċess ikkonferma li l-Volvo li parti minnu jidher fuq l-art li jsostni li hija tiegħu.

36. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, tqis li l-verżjoni ta’ Pierre Debono mhux ta’ min joqgħod fuqha. Barra mix-xhieda tal-attur innifsu u ta’ xhieda oħra li saret referenza għalihom aktar 'il fuq, hemm ukoll ir-rapport tal-Perit Tekniku Godwin Abela. Dwar l-affermazzjoni li x-xhieda mressqa mill-atturi appellati hija dettata minn ħbiberija u familjari jitqies li din hija biss asserzjoni gratuwita. Ix-xhieda mressqa mill-attur kienu konsistenti kemm meta x-xhieda tagħhom tittieħed individwalment, kif ukoll meta tqis xhieda ma’ oħra. Fuq kollox, ix-xhieda tagħhom hija korroborata mir-riżultanzi tar-rapport tal-Perit Tekniku.

37. L-appellanti ressqu bosta lmenti dwar dan ir-rapport tal-Perit Tekniku. Ġie mtenni minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-13 ta’ Ottubru, 2022 fl-ismijiet ***Asset Investment Ltd v. Awtorità tad-Djar*** li: *«In kwantu l-appellanti tikkontesta l-fatt li l-ewwel Qorti straħet fuq ir-rapport tal-perit tekniku, tajjeb li jiġi mfakkar li għalkemm ir-rapport ta’ perit tekniku huwa kontrollabbli mill-ġudikant, bħal kull prova oħra u l-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni tagħha, il giudizio dell’arte kif espress mill-perit tekniku m’għandhux jiġi skartat, sakemm ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fl-ambitu taċ-ċirkostanzi irraġonevoli. Il-Qorti m’għandhiex tiskarta l-konklużjonijiet tal-espert, speċjalment fuq materja teknika, b’mod leġġer jew kappriċċuż, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakultà lilha mogħtija ta’ talba għan-nomina*

*ta' periti addizzjonali. Il-konvinzjoni kuntrarja tal-Qorti għandha tkun "informata u bbażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika" (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta' Ġunju, 2022, fil-kawża fl-ismijiet* ***Philip Grima v. Knightsbridge Development Limited*** *u s-sentenzi hemm ċitati f'dan is-sens). Fin-nuqqas tas-soċjetà attriċi appellanti li tressaq raġuni valida għala l-ewwel Qorti kellha tiskarta l-perizja teknika u fin-nuqqas tagħha li ssegwi t-talba oriġinali tagħha għan-nomina ta' periti perizjuri (ara fol. 578), tabilħaqq lanqas dan l-ilment tal-appellanti taħt it-tieni aggravju ma jista' jirnexxi.»*

38. Hekk ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Frar, 2022 fl-ismijiet ***David Brincat et v. Francis Sammut et*** intqal:

> *«41. L-appellanti prinċipali naqsu wkoll milli jressqu provi konsistenti in sostenn tat-teżi tagħhom, jew xi perizja teknika li xxejjen dak riskontrat mill-perit inkarigat mill-atturi u mill-perit inkarigat mill-Qorti. Il-perizja teknika fiha nnifisha għandha piż probatarju li ma jistax jiġi skartat faċilment. Multo magis meta f'dan il-każ lanqas ma jirriżulta li l-appellanti talbu l-ħatra ta' periti addizzjonali. Huwa risaput li min ma jaqbilx ma' rapport ta' espert imqabbad mill-Qorti, għandu rimedju, dak li jitlob il-ħatra ta' periti addizzjonali. Min ma jagħmilx uzu mill-mezzi legali disponibbli sabiex jikkontrasta rapport tal-perit tal-Qorti, ma jistax imbagħad jippretendi li l-Qorti twarrab dak ir-rapport, sempliċement peress li parti ma taqbilx miegħu, aktar u aktar fejn dak ir-rapport ikun ta' natura teknika. Għalkemm il-Qorti mhix marbuta li tadotta l-fehma tal-perit tekniku inkarigat minnha, huwa mill-aktar inkongruwu li l-appellanti jippretendu li l-ewwel Qorti kellha tiskarta perizja teknika, meta ma jeżistu l-ebda raġunijiet validi sabiex hija tagħmel dan. Minkejja li din il-Qorti rat mill-ġdid il-provi in atti, kif ukoll fliet bir-reqqa r-relazzjoni peritali, ma rriskontrat ebda ineżattezzi, dubji, kontradizzjonijiet, spekulazzjonijiet jew negazzjoni sfaċċata ta' provi, kif allegat mill-appellanti fl-appell prinċipali tagħhom. Isegwi li d-diskrezzjoni eżerċitata mill-ewwel Qorti, hija fiċ-ċirkostanzi raġonevoli u din il-Qorti ma tirriskontra l-ebda raġuni valida li tbiddel id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tar-responsabbiltà allokata lis-soċjetà appellanti kjamata fil-kawża u għalhekk lanqas dan l-aggravju ma jimmerita li jintlaqa'.»*

39. Imħaddma dawn il-prinċipji għall-każ tagħna, ġaladarba l-konvenuti appellanti ma ressqu l-ebda prova in sostenn tal-pretensjoni tagħhom sabiex jirribattu r-rapport tal-perit tekniku inkarigat mill-Ewwel Qorti, la eskutewh u wisq anqas talbu għall-ħatra ta' periti perizjuri, ma tara xejn żbaljat fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tadotta l-imsemmi rapport tekniku, billi ma kien hemm xejn irraġonevoli fil-konklużjoni milħuqa minnu. Magħdud ma' dan, irid jingħad ukoll li ħarsa lejn ir-rapport tal-perit tekniku jirriżulta li l-istess perit sema' wħud mix-xhieda, ħa konjizzjoni tax-xhieda li kienu diġà fl-atti inkluż ir-rapport tal-Perit *ex parte* Valerio Schembri u r-rapport tas-*surveyor* Alan Micallef. Barra minn hekk, huwa aċċeda fl-għelieqi, ħa numru ta' ritratti ta' ċertu sinjali u ta' oġġetti hekk kif murija lilu mill-partijiet. Fil-konsiderazzjonijiet ta' natura teknika, il-Perit Tekniku jgħid li huwa kien qiegħed jissottometti konsiderazzjonijiet tekniċi fuq rekords uffiċjali fuq is-sit tal-Awtorità tal-Ippjanar. Fir-rapport insibu ritratti mill-ajru tas-sena 2008 u ieħor tas-sena 2016:

8.01 L-esponent qed jesibixxi aerial photograph tas-sena 2008 li fuqu hemm delinejati bl-isfar l-art tar-rikorrenti u bl-aħmar l-art tal-intimati. Kejl b' mod digitali tal-artijiet in mertu jindika li l-kejl superficjali tal-għalqa tar-rikorrenti kien ta' cirka 1,271 metri kwadri waqt li l-kejl superficjali tal-għalqa tal-intimati kien ta' cirka 2,140 metri kwadri.



8.02 L-esponent qed jesibixxi aerial photograph tas-sena 2016 li fuqu hemm delinejati bl-isfar l-art tar-rikorrenti u bl-ahmar l-art tal-intimati. Kejl b' mod digitali tal-artijiet in mertu jindika li l-kejl superficjali tal-ghalqa tar-rikorrenti kien ta' cirka 1,124 metri kwadri waqt li l-kejl superficjali tal-ghalqa tal-intimati kien ta' cirka 2,279 metri kwadri.



40. Il-Perit Tekniku saħansitra esibixxa tkabbir tar-ritratti mill-ajru. Ir-ritratt tas-sena 2008 juri li d-distanza mill-*pallets,* li kienu jifirdu l-art tal-atturi minn dik tal-konvenuti fuq il-ħabel ta’ fuq minn punt fiss fl-għalqa tal-konvenuti, kienet ta’ 26.8 metri, filwaqt li fil-ħabel ta’ isfel, id-distanza mill-*pallets* sal-fetħa tax-xatba fl-għalqa tal-konvenuti kienet ta’ 3.50 metri. Ir-ritratt tas-sena 2016 juri li d-distanza mill-*pallets,* li kienu jifirdu l-art tal-atturi minn dik tal-konvenuti fil-ħabel ta’ fuq mill-istess punt fiss fl-għalqa tal-intimati kienet ta’ 32.90 metri, waqt li fil-ħabel ta’ isfel, id-distanza mill-*pallets* sal-fetħa tax-xatba fl-għalqa tal-konvenuti kienet ta’ 9.0 metri.

41. Il-Perit Tekniku ħa spunt ukoll miż-żewġ ritratti satellitari esibiti mis-

*surveyor* Alan Micallef, li fihom jidhru l-bidliet evidenti fil-linja diviżorja bejn iż-żewġ għelieqi u dan b'mod partikolari jekk wieħed iħares lejn id-differenza fil-linja tat-tarf tal-ħarruba fil-ħabel ta' fuq sal-ħabel t'isfel bejn l-4 ta' April, 2015 u t-22 ta' April, 2015. Il-Perit Tekniku kkonkluda dan li ġej:

*«9.01 Illi, in segwitu għall-paragrafi 8.01 sa 8.04, jirriżulta b'mod inekwivoku li linja diviżorja bejn l-għalqa tar-rikorrenti u dik tal-intimati ġiet imċaqalqa bejn is-sena 2008 u s-sena 2016.*

*9.02 Illi, in segwitu għar-ritratti satellitari esibiti mis-surveyor, jirriżulta b'mod aktar speċifiku li ċ-ċaqliq tal-linja diviżorja sar bejn l-1 ta' April, 2015 u t-22 ta' April 2015.*

*9.03 Illi jirriżulta li ċ-ċaqliq tal-linja diviżorja sar għad-detriment tar-rikorrenti u li b'tali ċaqliq l-istess rikorrenti ġie mċaħħad minn kejl superfiċjali ta' ċirka 147 metri kwadri mill-għalqa tiegħu.»*

42. Ir-rapport tal-Perit Tekniku huwa ċar u inċensurabbli. L-appellant jgħid ħażin li l-Perit Tekniku bbaża l-konklużjoni tiegħu fuq ritratti u mhux fuq dak li osserva fuq il-post u li lanqas ma kejjel is-sit. Kif rajna, il-Perit Godwin Abela żar is-sit u indika l-kejl diġitali fir-rapport. Kull kritika oħra lejn ir-ritratti satellitari (li Alan Micallef fl-affidavit tiegħu fisser l-oriġini tagħhom) hija biss tentattiv fjakk biex jitwaqqa' r-rapport tal-Perit Tekniku meta l-appellanti kellhom kull ċans li jistaqsu mistoqsijiet quddiem l-Ewwel Qorti u/jew jitolbu l-ħatra ta' Periti addizzjonali għal dak li huwa r-

rapport tal-Perit maħtur mill-Ewwel Qorti.

43. L-appellanti talbu wkoll sabiex jitwarrbu r-ritratti esibiti fit-22 ta' Novembru, 2022 mill-appellati, billi jgħidu li m'għandhomx valur probatorju ladarba ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament u ma saret l-ebda referenza għalihom f'xi xhieda. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti awtorizzat il-preżentata ta' dawn ir-ritratti b'digriet tal-11 ta' Diċembru, 2019, f'liema digriet awtorizzat ukoll lill-konvenuti jerġgħu jagħmlu l-kontroeżami tal-atturi jew xhieda mressqa minnhom b'referenza u limitatament għar-ritratti esibiti. Il-konvenuti appellanti ma talbu għall-ebda xhud sabiex isirlu kontroeżami. Jitqies li la l-Ewwel Qorti u lanqas il-Perit Tekniku ma rreferew għalihom sabiex jaslu għall-konklużjoni tagħhom. Fil-każ tagħna ġewx maħlufa jew le, ftit se tagħmel differenza għaliex il-mod kif ġew esibiti, mingħajr spjegazzjoni ta' x'qegħdin juru b'mod speċifiku (għalkemm wieħed jista' jassumi li juru l-għelieqi inkwistjoni) u lanqas ta' meta ttieħdu, qajla jista' jingħad li għandhom valur probatorju.

44. Ma jistax ukoll ma jiġix innutat li r-rapport tal-Perit Tekniku Godwin Abela u dak tal-Perit *ex parte* Valerio Schembri jaqblu għal dik li hija l-konklużjoni. Il-linja diviżorja ċċaqalqet u l-għalqa tal-appellati ċkienet. L-argument tal-appellant Pierre Debono li l-*pallets* fir-ritratt 8.01 jinsabu aktar 'il ġewwa minħabba l-fatt li skontu dawn kienu mqiegħda hekk sabiex iżommu ż-żwiemel huwa argument pwerili u huwa merut mill-

konklużjoni tal-Perit Tekniku u mix-xhieda mressqa.

45. Ingħad kemm-il darba li biex jirriżulta l-element tal-fatt materjali tal-ispoll mhuwiex meħtieġ li jiġi ppruvat il-'*vis atrox'* (i.e. vjolenza atroċi) jew '*le vie di fatto'*, imma hu biżżejjed li jkun hemm in-nuqqas tal-kunsens, espress jew taċitu ta' min iġarrab l-ispoll (ara ***Selby Limited v. John Caruana et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022 u ***Mario Formosa Holt v. Angelo Aquilina*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 2014).

46. Magħdud ma' dan, din il-Qorti hija konvinta li l-atti spoljattivi li seħħew fuq bosta ġranet kif imfisser mill-appellant u hekk kif jirriżulta mill-okkorrenza esibita, ċjoè ċ-ċaqliq tal-linja diviżorja u t-tneħħija ta' bosta siġar eċċetera, saru mingħajr il-kunsens tal-atturi. Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-attur appellat li, wara li fisser li mar jagħmel rapport għand il-pulizija u mar għand l-avukat tiegħu li qallu biex ireġġa' kollox kif kien, mar fl-għalqa flimkien ma' ħuh Joseph Debono u bdew il-ħidma tagħhom biex ipoġġu l-*fence* fejn kienet oriġinarjament qabel ma sabu mċaqlaq, iżda: *«Hekk kif kienet għaddiet kwarta u konna qlajna xi żewġ pallets minn fejn kienu ġew spostati, feġġew Pierre u Omar, aħwa Debono u dan Pierre Debono qalilna 'intom taqilgħu u aħna nerġgħu npoġġu.»* Waqt il-kontroeżami tiegħu[2], l-appellat qal li meta mar lura fl-għalqa biex ireġġa'

[2] Seduta tal-24 ta' Novembru, 2016.

kollox lura: *«Kien hemm Mrs Debono bit-tfal tagħha t-tnejn, konna jien u ħija Joseph. Ġew qaluli intom taqilgħu u aħna inpoġġu kollox kif kien.»* Min-naħa tagħha, Pauline Debono fix-xhieda tagħha quddiem il-Perit Tekniku[3] xehdet ukoll li hija qatt ma daħlet fil-porzjon tar-raba' okkupata minn binha Pierre u lanqas binha Omar.

47. Din il-Qorti tqis li ġie ppruvat, fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, li l-aħwa Pierre u Omar Debono wettqu l-atti spoljattivi iżda ma jistax jitqies li fil-konfront ta' Pauline Debono ntlaħaq l-istess grad ta' prova. Għalhekk, is-sentenza tal-Ewwel Qorti sa fejn laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront ta' Pauline Debono se tinbidel.

48. Dwar ir-rekwiżit li l-azzjoni ġiet ippreżentata fi żmien xahrejn mill-att spoljattiv, ma kien hemm ebda tismija fir-rikors tal-appell, anke għaliex huwa ovvju mill-atti li l-kawża ġiet ippreżentata fi żmien skont il-liġi.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa'** parti mill-appell tal-konvenuti Debono u filwaqt li qiegħda **tikkonferma** s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sa fejn laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront ta' Pierre Debono u Omar Debono, **tħassarha** fejn laqgħet it-

3 Fis-6 ta' Marzu, 2018.

talbiet attriċi fil-konfront ta' Pauline Debono u minflok tilqa' l-eċċezzjoni tagħha sa fejn tolqot lilha biss. It-terminu ta' xahar imsemmi fis-sentenza jitlaq mil-lum.

L-ispejjeż kollha tal-appell ibatuhom Pierre Debono u Omar Debono[4].

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss

[4] Għalkemm intlaqa' limitatament l-appell tal-konvenuti kienet ġiet ippreżentata risposta waħda, u tressaq appell wieħed mill-konvenuti kollha. Għalhekk m'hemmx lok għal tnaqqis fl-ispejjeż.